MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 714/2014

**Mark Abela**

**vs**

**Graziella Abela**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ l-Attur (separat legalment minn martu l-Konvenuta) qed jitlob minghand martu r-rifuzjoni ta' mitejn u sebghin Ewro wiehed u erbghin centezmi (€270.41c) rapprezentanti manteniment ghat-tifel minuri Jean Philip li thallas zejjed.

Ippremetta li skond Att Notarili bejn il-kontendenti pubblikat minn Nutar Roland Wadge f'Novembru 2013 hu kellu jhallas €161.54c kull erba gimghat, u sar hlas dopju fl-ammont li tieghu qed tintalab rifuzjoni.

Fir-RISPOSTA, il-Konvenuta qalet:-

1. It-Talba attrici hi mproponibbli skond art 17(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kull hlas talvolta effettwat (taqta dawk skond il-kuntratt tal-15.11.2013) sar mill-attur minn jeddu in soddisfazzjoni tal-obbligu tieghu li jmantni lil uliedu u ghalhekk ma jistax jintalab lura *a tenur* tal-art 1021 tal-Kap 16.
3. Mhux minnu li thallas xi manteniment mhux dovut.
4. Mhux minnu li l-hlas kellu jsir minn Jannar 2014 izda, fin-nuqqas ta' qbil mod'iehor, mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Att u ghalhekk il-hlas li sar mid-Dipartiment tal-Anzjani, fejn kien jahdem l-Attur sar sewwa.

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu biss siltiet mill-provi li ghandhom jitqiesu ma dak kollu li tressaq quddiem it-TRIBUNAL inkluzi dokumenti.

2. **L-Attur** xehed li wara separazzjoni *de facto* hu u l-Konvenuta ghaddew ghal separazzjoni bl-Att notarili msemmi. *Pendente lite* kellu *standing order* mal-BOV biex johrog cekk kull xahar sa Dicembru 2013. Kellu hsieb li jghid lill-*employer* biex jibda johrog cekk hu b'effett minn Jannar 2014.

3. Gara li l-BOV hallas ghal Novembru u Dicembru 2013 u d-Dipartiment tal-Anzjani (l-*employer* tal-Attur) hallas ukoll ghal dawn ix-xhur. Ghalhekk qed jitlob hlas lura ta' €108.87c ghal Nov 2013 u €161.54c ghal Dic 2013 – b'kollox €270.40c. Hlas maghmul zejjed. Hu esibixxa d-dok A u B, *fol* 16 *et seq*.

4. Xehed **Dennis Spiteri** li jahdem fit-taqsima tas-salarji ta' St. Vincent de Paule u esibixxa bhala Dok DS (*fol* 25) il-hlas li sar direttament lill-Konvenuta. Ikkonferma wkoll l-*email* – Dok B.

5. **Il-Konvenuta** xehdet dwar x'kienet is-sitwazzjoni bejniethom, dwar manteniment, qabel sar il-kuntratt. Qalet li kienet wahda ta' irregolarita'. Wara l-kuntratt, qatt ma hallas ghall-edukazzjoni u s-sahha.

6. In kontro-ezami qalet li qatt ma talbet lir-ragel spejjes ta' edukazzjoni u sahha wara s-separazzjoni "peress li m'ghandix l-indirizz tieghu u jekk ikolli bzonn nitlob xihaga rrid naghmilha tramite l-avukat tieghu. Qatt ma saret talba lill-avukat sabiex ihallas nofs l-isejjes tal-edukazzjoni u medicinali straordinarji".

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Ghalkemm il-kontendenti jitkellmu minn att ta' separazzjoni bonarja datat 11 ta' Novembru 2013 b'danakollu kopja tieghu qatt ma giet esibita. Hemm qbil izda li dan kien jipprovdi ghal hlas ta' €161.54c fix-xahar ghat-tifel minuri Philip li l-missier kellem jghaddi lill-omm.

2. Hu pruvat ukoll li l-manteniment bejn il-15 ta' Novembru 2014 sal-ahhar ta' Dicembru 2014 thallas darbtejn billi fir-rigward sar hlas skond *standing order*

mal-BOV u St. Vincent de Paule – hlas **<u>doppju</u>**. Hemm qbil ukoll li dan iz-zejjed kien fil-*quantum* mitlub ta' €270.41c.

3. Il-Konvenuta semmiet spejjes ta' edukazzjoni u dawk medici straordinarji izda ammettiet li qatt ma kienet talbet xejn dwar dan lil zewgha u ma forniet ebda kontijiet ecc. Hi qed tintrinceja ruhha, wara d-dover naturali tal-missier ghall-bzonnijiet tal-ulied u wara l-art 17(2) tal-Kap 16 dwar xi rifuzjoni ta' manteniment.

4. Fil-fehma tat-TRIBUNAL hawn ghandna kas, <u>miskien kemm tridu fic-cirkustanzi prezenti</u>, fejn <u>skond kuntratt</u> sar hlas zejjed <u>pruvat</u>. Mill-banda l-ohra is-serhan-ir-ras li joffri "standing order" minn salarju ta' mpjegat f'impieg mhux determinat li jorbot lill-partijiet ma jistax jigi sottovalutat.

IV DECIZJONI

Meqjus dak kollu migjub hawn fuq u meqjusa s-sottomissjonijiet tad-difensuri t-TRIBUNAL ma jistax jasal ghal konkluzzjoni ohra hlief li (1) **<u>jichad</u>** l-eccezzjonijiet kollha (2) **<u>jaccetta</u>** t-Talba Attri u **<u>jikkundanna</u>** lill-Konvenuta biex thallas lill-Attur il-*quantum* ta' mitejn u sebghin Ewro wiehed u erbghin centezmi (€270.41c) liema hlas ghandu jsir fi zmien tnejn u tletin jum mil-lum u f'kaz ta' nuqqas jibda ghaddej l-imghax **<u>mil-lum stess</u>** sal-jum tal-pagament effetiv u, fic-cirkostanzi (3) **<u>jordna</u>** li l-ispejjes tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------